

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika fir-rigward ta' talba skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/17/KE**Talba mingħand entità kontraenti**

(2012/C 131/07)

Fid-29 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/17/KE tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali. L-ewwel ġurnata tax-xogħol wara l-wasla tat-talba kienet it-30 ta' Marzu 2012.

Din it-talba, li saret minn EniPower SpA, tirrigwarda l-produzzjoni u l-bejgħ tal-elettriku fl-Italja. L-Artikolu 30 msemmi jipprovdi li d-Direttiva 2004/17/KE ma tapplikax meta l-attività inkwistjoni hija esposta direttament għal kompetizzjoni, fuq swieq li l-aċċess għalihom mhux ristrett. L-ewwelwazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet għandha ssir esklussivament skont id-Direttiva 2004/17/KE u ma tippreġudikax l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

Il-Kummissjoni għandha perjodu ta' tliet xhur li jibda fl-ġurnata tax-xogħol imsemmi hawn fuq biex tiegħu deċiżjoni dwar din it-talba. Għalhekk, il-perjodu jiskadi fit-2 ta' Lulju 2012.

Il-perjodu jista' jiġi mtawwal bi tliet xhur. It-tali estensjoni għandha tiġi ppubblikata.

Skont il-paragrafu 6 tal-Artikolu 30, it tieni premessa, talbiet ġodda relatati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-elettriku fl-Italja, li huma ppreżentati qabel l-iskadenza tal-perjodu miftuħ rigward l-ewwel talba ma għandhomx jitqiesu bħala proċeduri ġodda u għandhom jiġu trattati fil-kuntest tal-ewwel talba.
